# EŻAMI ANNWALI TAL-LIĊEJ TAŻ-ŻGĦAR 2000

Taqsima ta' l-Assessjar Edukattiv - Diviżjoni ta' l-Edukazzjoni

| It-Tielet Sena | MALTI | ĦIN: Sagħtejn |
|---|---|---|

Isem: ______________________________ Klassi: __________

Istruzzjonijiet lill-kandidati:

1. Wieġeb il-mistoqsijiet kollha kif mitlub:

2. Ortografija, punteġġjatura, sintassi, ideat u preżentazzjoni tajbin jgħinuk biex tikseb riżultati aħjar.

3. Se tingħata ħafna importanza għall-ortografija. Ortografija ħażina se ttelliflek ħafna marki.

---

<u>GĦALL-UŻU TAL-GĦALLIEMA</u>

SKEMA GĦALL-MARKI

| Mistoqsija | A(i) | A(ii) | A(iii) | B | Ċ | D | E(i) | E(ii) | E(iii) | F | Ġ | G | Tot. |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| Marki | 10 | 13 | 5 | 3 | 8 | 8 | 6 | 7 | 2 | 8 | 10 | 20 | 100 |
| Marki ta' l-istudent/a | | | | | | | | | | | | | |

Kummenti

______________________________________________________________________

______________________________________________________________________

______________________________________________________________________

______________________________________________________________________

______________________________________________________________________

______________________________________________________________________

______________________________________________________________________

## A. SILTA. Aqra sewwa u wieġeb.

L-akbar għawġ għalina l-lum hu l-ħajja mgħaġġla, mekkanizzata, materjalista. Il-qdusija u l-arti fi żmienna saru itqal milli kienu fl-imgħoddi. Imbierek hu dak il-bniedem li jagħraf jegħleb ix-xkelijiet għall-kontemplazzjoni ta' l-arti u tal-qdusija. Imbierek hu dak il-bniedem li, għalkemm jinsab imħabbat f'xogħlijiet ta' ħsieb u dwejjaq, jibqa' jżomm ftit tal-ħin kuljum għall-kontemplazzjoni tal-ġmiel fil-Mużika, fil-Pittura, fil-Poeżija u fil-kobor tax-Xjenza. Imbierek il-għaliex hu baqa' jżomm f'idejh il-muftieħ tas-saltna sabiħa tal-fantasija fejn fid-dwejjaq tiegħu jista' jidħol jistkenn mill-irwiefen li jħabbtu ma' wiċċu. Imsejken imbagħad hu dak li sar ilsir tax-xogħol u tal-flus u mill-erbgħa u għoxrin siegħa tal-ġurnata ma għandux ħila jżomm għalih innifsu mqar nofs siegħa għall-kontemplazzjoni tal-ġmiel fl-Arti u fix-Xjenza. Nies bħal dawn huma tassew ilsiera tal-ħajja. Jafu jikkuntjaw il-flus imma qajla jafu jikkuntjaw il-jiem sewwa t'għomorhom - li hu bluha u frugħa la darba f'did-dinja kollox jgħaddi u jintemm. *(par. 1)*

L-imfietaħ tal-fantasija huma f'idejk. Il-bieb jinfetaħ u jingħalaq meta trid inti, basta titgħallem il-formula bħalma Ali Baba bil-formula ta' kliem sigriet tgħallem jiftaħ bieb il-Għar fejn kienu jinsabu moħbija teżori kbar. Il-fantasija hija setgħa tal-ħolqien li ħafna, jaħasra għalihom, ma jinqdewx biha għax ma jagħrfux is-siwi tagħha. Ma jagħrfux li meta bniedem jasal biex jikkontrolla l-fantasija jista' jsiefer biha fejn irid, kull x'ħin irid, dak il-ħin stess, lura fiż-żmien jonkella 'l quddiem fiż-żmien li għad irid jiġi, kif ukoll fl-ispazju etern. Il-fantasija mhix setgħa ta' xejn. Hija setgħa tal-għaġeb. *(par. 2)*

Il-fantasija toħroġ mill-konċentrazzjoni. Mingħajrha l-fantasija ma tgħixx, u s-setgħa tal-ħolqien li hemm ġo fina tibqa' mejta bħal warda li baqgħet imgeżwra ġol-fosdqa. Nistaqsu: Issa dis-setgħa tista' tiswielu xi ħaġa lill-bniedem? Jiena ngħidilkom li tista' tiswielu ħafna għall-ġid jew għad-deni bħal kull ħaġa oħra. Għall-ġid jekk jinqeda biha sewwa, għad-deni jekk jinqeda biha ħażin. Qisuha għalhekk il-fantasija bħal nuċċali. Jekk lewn il-ħġieġ hu aħmar int tara kollox aħmar, qisu qed jaqbad; jekk il-lewn hu aħdar tara kollox aħdar qisu ħaxix, u jekk il-lewn hu isfar tara wkoll kollox isfar qisu ramel. Hekk ukoll, jekk il-fantasija tinqeda biha biex tqajjem quddiem għajnejk dehriet ta' dwejjaq jew ta' biża' inti tispiċċa biex iddejjaq u tbażża' l-ħajja li Alla silfek f'din id-dinja, imma jekk inti tinqeda biha biex tqajjem dehriet ta' ġmiel inti ssebbaħ il-ħajja, tagħtiha dak il-ġmiel li ma jarawx l-għajnejn tal-ġisem. L-ewwel użu jagħmel il-bniedem imdejjaq; it-tieni użu jagħmel il-bniedem hieni. *(par. 3)*

*(Silta meħuda mill-Essay ta' Ġużè Aquilina bl-isem ta' "FANTASIJA U ARTI")*

## (i) Kontenut

1. Għaliex il-ħajja mgħaġġla, mekkanizzata u materjalista tal-lum tista' tkun ta' għawġ għall-bniedem? *(par. 1)*

   ______________________________________________________________ (1)

2. Fiex jara l-ġmiel ta' l-Arti l-kittieb? *(par. 1)*

   ______________________________________________________________ (1)

3. X'jista` jagħmel bniedem biex jegħleb id-dwejjaq tiegħu? *(par. 1)*

   ______________________________________________________________ (1)

4. Xi żball kbir jista' jagħmel bniedem fil-ħajja? *(par. 1)*
_______________ (1)

5. Għaliex hu bluha dan l-aġir? *(par. 1)*
_______________ (1)

6. Għaliex il-fantasija hija qawwa importanti fil-ħajja tagħna? *(par.2)*
_______________ (1)

7. Xi jrid ikollok biex tħaddimha sew il-fantasija? (*par. 3)*
_______________ (1)

8. Iddeskrivi, fi kliemek, il-qawwa tal-fantasija.
_______________
_______________
_______________ (3)

## (ii) Grammatika

1. Agħti s-singular ta' *"xkelijiet"* (par. 1) _______________ (1)

2. Agħti l-għerq ta' *"jinqeda"* (par. 3) _______________ (1)
ta' *"tbażża'"* (par. 3) _______________ (1)
ta' *"tgħallem"* (par. 2) _______________ (1)

3. *"jsiefer"* (par. 2). Oħroġ forma mnissla oħra mill-istess għerq _______________ (1)

4. Agħti z-zokk morfemiku ta' *"materjalista"* (par. 1) _______________ (1)

5. Agħti n-negattiv ta' *"kienu"* (par. 2) _______________ (1)
ta' *"jiena"* (par. 3) _______________ (1)

6. Oħroġ aġġettiv minn *"fantasija"* (par. 1) _______________ (1)

7. Agħti l-plural miksur ta' *"bieb"* (par. 2) _______________ (1)

8. Agħti l-plural sħiħ ta' *"żmien"* (par. 2) _______________ (1)

9. Ikteb l-Istat Kostrutt ta' *"s-setgħa tal-ħolqien"* (par. 3) _______________ (1)

10. Sib Nom Verbali mit-tieni paragrafu ____________________ (1)

**(iii) Analiżi Testwali**

1. Fisser skond is-silta:
   (a) *"xkelijiet"* (par. 1) ____________________ (1)

   (b) *"irwiefen"* (par. 1) ____________________ (1)

2. *"wiċċU"* (par. 1). Għal min qed jirreferi l-pronom mehmuż "**U**"? ____________________ (1)

3. SIb u ikteb espressjoni ta' xebh mit-tielet paragrafu.

   ____________________________________________________________ (1)

4. *"Spazju etern"* (par. 2) tfisser
   (a) spazju li ma jispiċċa qatt ☐
   (b) spazju tal-ġenna ☐
   (ċ) spazju mimli b'ħafna affarijiet ☐ (1)

**B. Qwiel u Idjomi**

Mill-istħarriġ kollu li għamilt din is-sena fuq l-idjomi u l-qwiel, kif taħseb li jaħsbuha l-Maltin fuq l-annimali u fuq ix-xorti u l-fidi? Ikkummenta u agħti eżempji.

________________________________________________________________________

________________________________________________________________________

________________________________________________________________________

________________________________________________________________________

________________________________________________________________________

________________________________________________________________________

________________________________________________________________________

________________________________________________________________________ (3)

## Ċ. Malti Komunikattiv

Agħżel waħda minn 1 jew 2. Ikteb madwar 80-100 kelma fl-ispazju pprovdut.

1. Ikteb ittra ta' wens lil ħabib/a tiegħek li għadu/għadha kemm għadda/għaddiet minn xi esperjenza kerha.
   (Din l-esperjenza tista' tkun xi mewt fil-familja, jew telf ta' xogħol, jew xi ħaġa oħra li tiġik f'rasek).

jew

2. Il-bieraħ fir-raħal ta' Ħal Farfett ġriet l-aħbar li familja ta' erbgħa min-nies raw oġġett stramb itir fuq ir-razzett tagħhom, jinżel fl-għalqa biswithom u minnu joħorġu tlieta min-nies. Mill-ewwel xterdet l-għajta ta' U.F.O. Inti bħala ġurnalista ġejt mibgħut/a mid-direttur tal-gazzetta biex tagħmel rapport. Ikteb dan ir-rapport.

(8)

## D. Trawwim Kulturali - L-Idea Ta' Lingwa

Il-proġett "L-idea ta' lingwa" li inti ħdimt fuqu din is-sena kellu l-għan li jrawwem fik l-imħabba lejn ilsien pajjiżek. Għid x'laqtek l-aktar mit-tiftix li għamilt, u li għenek biex tapprezza aktar l-ilsien Malti.

______________________________________________________________________

______________________________________________________________________

______________________________________________________________________

______________________________________________________________________

______________________________________________________________________

______________________________________________________________________

______________________________________________________________________

______________________________________________________________________

______________________________________________________________________ (8)

# Letteratura

## E. Poeżija-Nadriet 3

(i) Aqra din is-silta ta' hawn taħt, meħuda minn "Arizona" ta' Achille Mizzi, u wieġeb.

"Jiena d-deżert għatxan ta' l-Arizona.

Bi nhar ħuġġieġa ta' nirien imdendla
Fuq baħħ etern.
Ramel mikwi jinkalja
Igerref u jingiref.
Xtieli muxgħara jriegħxu bit-tixwik,
Kaktus iniggeż qalb il-fwar li jitla'
Bħal ħolma mriegħda minn ġo l-art ħamrana."

a. Xi jħoss li hu l-poeta? Għalfejn *"għatxan"* ?

______________________________________________________________________

______________________________________________________________________ (2)

b. Fil-poeżija nsibu kuntrast. Liema hu?

______________________________________________________________________

______________________________________________________________________ (2)

ċ. Sib figura tad-diskors, iktibha u għid x'tissejjaħ. ______________________________

______________________________________________________________________ (1)

d. Liema hija dik il-konsonanti, fis-silta, li qed turi l-istat aħrax ta' l-ambjent? Għaliex qed isehħ dan?

______________________________________________________________________

______________________________________________________________________ (1)

(ii) Ħafna poeti jħobbu jmorru lura fi żmien tfulithom għax huwa żmien li jfakkarhom fil-hena u fil-ferħ tal-ħajja. Ikkummenta b'riferenza speċjali għall-poeżiji "Tifkiriet ta' Tfuliti" ta' Karmenu Vassallo, u "Waħdi" ta' Dun Karm. Wieġeb fuq karta separata. (7)

(iii) Aktar Nadriet Poetiċi

Agħżel poeżija waħda minn ta' hawn taħt u għid x'laqtek fiha.

"Fis-Skiet", "Matul is-Snin tal-Ħajja", "Jekk Baħar Int Għalija",
"Raqdet il-Belt", "Fuq il-Palm tal-Ħbiberija", "Iż-Żgħożija",
"Fjura tas-Sur", "Ħabbata".

______________________________________________________________________

______________________________________________________________________

______________________________________________________________________

______________________________________________________________________ (2)

**F. Drama-"IL-FORTUNA TAL-BAKKALJAW" ta' ĠUŻÈ AQUILINA**

"Raġel Imbierek int... kuntent... u ma jonqsok xejn la darba ma tħossx il-bżonn ta' xejn." Dan il-kliem ta' Tonina jixħet dawl kbir fuq il-mod kif iħarsu lejn il-ħajja ċertu nies, fosthom ix-xiħ u l-istess Tonina, li wkoll tibda tgħir xi kultant għal min hu aktar ixxurtjat minnha. Ikkummenta b'eżempji mid-dramm. (8)

______________________________________________________________________

______________________________________________________________________

______________________________________________________________________

______________________________________________________________________

______________________________________________________________________

______________________________________________________________________

______________________________________________________________________

______________________________________________________________________

______________________________________________________________________

______________________________________________________________________

______________________________________________________________________

______________________________________________________________________

______________________________________________________________________

______________________________________________________________________

______________________________________________________________________

## Ġ. PROŻA: "STEJJER GĦAL QABEL JIDLAM" ta' OLIVER FRIĠĠIERI

It-tbatija hija t-tema ċentrali tal-ġabra ta' novelli fil-ktieb "Stejjer Għal Qabel Jidlam" ta' Oliver Friġġieri. Din it-tbatija tidher f'għadd ta' karattri, u tinħass ħafna fid-dwejjaq u s-sofferenzi li jgħaddu minnhom. Barra minn hekk, dan kollu jiġi minħabba n-nuqqas ta' fehma u mħabba mis-soċjeta`, li dejjem lesta li tgħakkes lil dak li jkun. Uri kemm dan hu minnu minn dak li studjajt din is-sena. Trid issaħħaħ l-argumenti tiegħek b'eżempji minn, mill-inqas, tliet novelli. (10)

____________________________________________________________________

____________________________________________________________________

____________________________________________________________________

____________________________________________________________________

____________________________________________________________________

____________________________________________________________________

____________________________________________________________________

____________________________________________________________________

____________________________________________________________________

____________________________________________________________________

____________________________________________________________________

____________________________________________________________________

____________________________________________________________________

____________________________________________________________________

____________________________________________________________________

____________________________________________________________________

____________________________________________________________________

____________________________________________________________________

## G. Komponiment

Agħżel wieħed. Ikteb madwar 300 kelma fuq karta separata.

1. Deċiżjoni kontra qalbi.
2. Ħitan.
3. Li kieku kont ngħix taħt il-baħar.
4. Il-ħajja mimlija ħsejjes u nkwiet.
5. Il-ġenituri dejjem jagħtuna pariri tajbin.
6. Ftaħt it-tieqa filgħodu kmieni.
7. Komponiment imnebbaħ minn dawn il-versi:

" Tfajla, toħlomx, għaliex il-ħolm tal-Ħajja
bil-wisq iqarraq u malajr jintemm;
jurik li kollox għad ikunlek hieni,
bla ma jħabbarlek kemm hu kbir il-hemm."

("*Tfajla Toħlomx*" ta' Rużar Briffa) (20)